MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 481/2013

**Roger Attard (K.I. 774248M)**

**vs.**

**Nasr Iddin Hamed (K.I. 0030460A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' ħames mija u għaxar Ewro (€510.00) rappreżentanti xogħlijiet ta' tikħil u tibjid fuq il-faċċata u partijiet oħra tar-residenza tal-istess attur. Illi l-imsemmi appalt ġie abbandunat mill-konvenut qabel ma lesta x-xogħol kollu fdat lilu.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġiet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-

Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill- konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħames mija u għaxar Ewro (€510.00), bl-imgħax legali dekorribbli mill-11 ta' Ottubru 2012 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u numerata 2314/2012, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------